



# Patri Alfons Sammut (Skular)

**Tagħrif miġbur minn Keith Muscat**

Fin-nisġa tas-snin ikun hemm dawk in-nies li b'ħidmiethom jew għemilhom jiddistingwu ruħhom. Kull belt jew raħal ikollha minn dawn il-personaġġi u San Pawl il-Baħar, għalkemm beda' bħala raħal żgħir u umli, ma' huwiex eċċezzjoni.

75 sena ilu, propju nhar id-9 ta' Awissu 1933, fix-Xemxija (parti minn San Pawl il-Baħar) twieled Lorenzo Sammut. Huwa irċieva l-edukazzjoni sekondarja għand il-Kapuċċini fil-Floriana, bejn l-1945 u l-1949. Malli spiċċa s-sekondarja, f'Għawdex, beda n-novizzjat biex jissieħeb ma' l-ordni tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini. Huwa tħarreġ fil-filosofija u t-teoloġija ġewwa l-Kalkara u l-Floriana bejn l-1951 u l-1959. Fl-1959 Lorenzo Sammut ġie ordnat Saċerdot.

L-ordinazzjoni ma' kienitx tfisser it-tmiem ta' l-istudji. Huwa kompla jitħarreg fl-Università Lateran ġewwa Ruma, minn fejn kiseb Diploma fil-Teoloġija Pastorali. Huwa ggradwa wkoll mill-Università Cattolica Sacro cuore ta' Milan.

Dak li tgħallem ma' Sammut għalih, għaliex fl-1964, Sammut kien appuntat bħala lecturer tat-Taljan u l-Latin fis-Seminarju tal-Kapuċċini (Kalkara). Kien appuntat ukoll bħala lecturer tat-Taljan fl-Unitersità Rjali ta' Malta (1968) u professur u kap tad-Dipartiment tat-Taljan (1988). Patri Alfons Sammut kellhu wkoll l-opportunità li jagħti lectures barra minn xtutna, fosthom fl-Università Sacro Cuore (Milan) u l-Università ta' Viterbo.

Patri Sammut kien ikkunsidrat bħala awtorità fuq l-influenza ta' l-umaniżmu Taljan fuq il-kultura Ingliża. Huwa jibqa' mfakkar l-aktar għall-pubblikazzjoni *"Bibliography of Anglo-Italian Comparative Literary Criticism 1800-1989"*, li dam jaħdem fuqha madwar 16-il sena. Fost xogħolijiet oħra li ppubblika nsibu *La Fortuna dell'Ariosto nell'Inghilterra Elisabettiana (Milan, 1971); Unfredo, duca di Gloucester e gli umanisti italiani (Padua, 1980)*; u xogħolijiet oħra li għadhom ma' ġewx ippubblikati. Patri Alfons Sammut kien ukoll kontributur f'diversi ġurnali.

Huwa ħalla dan il-wied ta' dmugħ fit-28 ta' Lulju 1994, waqt li kien qiejed iżur xi qraba f'Sydney (Awstralja).

*Ref. Maltese Biographies of the Twenthieth Century. Pubblikazzjonijiet Indipendenza. Michael J. Schiavone / Louis J. Scerri.*